SANTA LUĊIJA

**MINUTI – IS-SITT KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU CM 23-14**

Illum il-Ġimgħa, 18, ta' Jannar 2014

Il-Kunsill iltaqħa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fl-4.30pm.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Terrence Ellul u l-Kunsilliera: Joe Bonello, Caroline Galea u Victor Camilleri.

**ASSENTI**

L-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ, Claire Mamo ma setgħetx tattendi għal din il-laqgħa mħabba mpenji oħra.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**1. MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 22-13 li saret nhar il-Ħamis, 19 ta' Diċembru 2013 ġew moqrija u approvati.

### 1.1 *Mill-Minuti*

#### *1.1.1 Picnic Area*

Il-Kunsilliera Caroline Galea rreferit għall-Picnic Area u staqsiet jekk hemmx xi pjanijiet biex issir manutenzjoni tal-ħajt li jmiss ma' Triq il-Peprin biex dan ikun jikkumplimenta dak tal-Ġnien Ċiniż. Qamet diskussjoni dwar din il-proposta u anki ssemmiet il-possibilita' li tinfetaħ entratura oħra għal Picnic Area.

#### *1.1.2 Bankina tul il-Ġnien Ċiniż*

Il-Kunsillier Joe Bonello staqsa jekk kienx hemm ħsieb li ssir bankina tul il-Ġnien Ċiniż fi Triq il-Peprin.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn id-19 ta' Diċembru 2013 u it-18 ta' Jannar 2014 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lil Kunsilliera kollha.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

#### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 0040-14-O – DP Road Construction Ltd. – *Letter of Acceptance*
- 0063-14-O – Ministru tal-Finanzi – Ġnien is-Serenita' f'Santa Luċija
- 0066-14-O – Ministru għat-Transport u Nfrastruttura – Ċentru tal-Kommunita' f'Santa Luċija

### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 0021-14-I – ETC – Skema Xogħol fil-Kommunita'
- 0025-14-I – Malta Council For Culture and the Arts – *Cultural Calendar*
- 0030-14-I – Dipartiment Għall-Gvern Lokali – Allokazzjoni Finanzjarja 2014
- 0033-14-I – Meusac –Laqgħat ta' nformazzjoni dwar Erasmus+
- 0042-14-I – Resident – Santa Luċija Football Nursery
- 0044-14-I – Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali – *Personal Development Training Program*
- 0048-14-I – Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali – Laqgħa ma' l-President ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali Dr Marc Sant
- 0050/14/I – Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali – Laqgħat ta' nformazzjoni dwar Erasmus+
- 0057-14-I – Trasport Malta – *Parking Spaces* Triq Prinjoli
- 0058-14-I – Trasport Malta – *One way system* Triq Inez Soler

### 2.3 *Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lil Kunsill:*

- SLLC Memo 01-2014 **-** Żewġ Attivitajiet relatati ma' l-ħaddiema ta' Ġnien is-Serenita'

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0021-14-I il-Kunsill innota li l-parteċipazzjoni ta' wieħed mill-ħaddiema li qed jipparteċipaw fl-iskema ta' xogħol fil-kommunita' ġiet imġedda għal perjodu ta' sitt xhur.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0025-14-I il-Kunsill innota l-e-mail mill-MCCA dwar il-*Cultural Calendar* li jkopri April, Mejju u Ġunju 2014. Issemmiet l-attivita' li ser tittella mill-Iskola Sekondarja tal-Bniet San Thomas More bl-isem ta' WAW izda ma kienx għad hemm konferma jekk din hux ser issir.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0030-14-I is-Sindku nforma l-Kunsill dwar l-allokkazzjoni finanzjarja għas-sena 2014.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0033-14-I u 0050-14-I il-Viċi Sindku qal li kien ser jattendi għall-laqgħa ta' nformazzjoni dwar il-programm ta' finanzjament Erasmus+, li ser issir fis-27 ta' Jannar 2014. Huwa qal li kien ser jitkellem ma' l-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ dwar dawn il-laqgħat.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0042-14-I is-Sindku qara ittra minn resident dwar il-fatt li l-Football Youth Nursery tinsab bla *coach* u t-tfal li jattendu din in-*nursery* qed ibagħtu l-konsegwenzi. Qamet diskussjoni fejn il-Kunsilliera Caroline Galea ikkonfermat dak li ntqal minn dan ir-residenti f'din l-ittra. Il-Viċi Sindku qal li issa tranġat xi ftit din is-sitwazzjoni. Is-Sindku qal li l-Kunsill ma jista jagħmel xejn f'dan ir-rigward.

**3.6** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0044-14-I is-Sindku qal li min hu nteressat li jattendi għat-taħriġ dwar *personal development* li ser jiġi organizzat mill-Assoċjazzoni tal-Kunsilli Lokali għandu jinforma lil Kunsill ħalli jsiru l-arranġamenti meħtieġa.

**3.7** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0048-14-I il-Kunsill aċċetta l-istedina tal-President ta' l-Assoċċjazzjoni biex jiltaqa' ma' l-Kunsill fid-data stabbilita.

**3.8** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0057-14-I is-Sindku qal li kien ippropona biex fi Triq Prinjoli isiru *parking spaces* quddiem Flats Indipendenza. Huwa qal li f'din il-parti tat-triq fuq in-naħa tal-bini ma hemmx *parking spaces* biżżejjed għar-residenti li jgħixu fi Flats Independenza li fiha ħamsa u għoxrin appartament. Huwa qal li r-residenti qed jipparkjaw fin-naħa tal-wied bil-konsegwenza li qed jaqilgħu ċitazzjoni tat-traffiku. Huwa qal li kien għalhekk li kien talab lil uffiċjal ta' Transport Malta għal gwida dwar din il-proposta u jidher li Transport Malta ma sabet l-ebda oġġezjoni dwar din il-proposta li għandha titħaddem bi prova għal perjodu ta' tlett xhur. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li jiġu mmarkati dawn il-*parking spaces* li għandhom jibdew mill-Triq Prinjoli kantuniera ma' Triq Dun M. Mifsud sa Triq Prinjoli kantuniera ma' Triq Bruka.

**3.9** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0085-14-I is-Sindku nforma l-Kunsill li l-*one-way-system* fi Triq Inez Soler issa kienet ġiet approvata minn Transport Malta.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Kwotazzjoni għal tħaffir ta' trinka u tqegħid ta' Enemalta cable*

Is-Sindku informa lil Kunsill li l-Ministeru tal-Finanzi kien approva l-kwotazzjoni ta' DP Construction Ltd biex jagħmlu xogħol fuq tħaffir ta' trinka u tqegħid ta' *cable* ta' l-Enemalta biex jitwassal minn Triq il-Ħannewija sal-Ġnien is-Serenita'. Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill ġie nfurmat li setgħa jipproċedi bix-xogħol għal daqstant inħarġet il-*Letter of Acceptance* lil kuntrattur imsemmi.

### 4.2 Amministrazzjoni ta' Ġnien is-Serenita'

Is-Sindku nforma l-Kunsill li kien kiteb lil Ministru tal-Finanzi dwar l-Amministrazzjoni ta' Ġnien is-Serenita'. Huwa qal li fl-ittra tiegħu kien irrefera għal bżonn ta' siġurta f'dan il-ġnien. Huwa semma wkoll il-kuntratt tal-kiri tat-*Tea Room*. Is-Sindku tkellem ukoll dwar il-possibilta' li jkun hemm *entrance fee* biex wieħed ikun jista' jżur dan il-ġnien. Saret diskussjoni dwar din il-possibilita' u l-Kunsilliera Caroline Galea ma qablitx li d-dħul ikun bi ħlas. Is-Sindku qal li dan jista jsir b'tali mod li l-anzjani u tfal ta' taħt it-tnax il-sena jidħlu b'xejn filwaqt li jista jkun hemm wkoll *membership fee* zgħira għal *Friends of the Garden* li biha wieħed ikun intitolat li jidħol f'dan il-ġnien mingħajr il-bżonn li jħallas.

Is-Sindku nforma wkoll li l-ispiża tal-*landscaping* ser jerfawha iċ-Ċiniżi. Huwa qal ukoll li l-kwotazzjoni ta' l-ELC Ltd fuq dan ix-xogħol telgħet għas-somma ta' €160,000. Huwa qal li kien kellem lil Ministru Chris Cardona dwar il-possibilta' li l-Kunsill jingħata *store* fejn ikun jistgħa jerfa l-materjal li fadal mill-proġett ta' rinovazzjoni tal-Ġnien. Huwa qal ukoll li l-ġebel li nqala' meta sar dan il-proġett għandu jintuża biex jinbena ħajt ta' tlett filati li jifred il Picnic Area minn ma' l-I*sculpture Garden*.

### 4.3 Proġett taċ-Ċentru Ċiviku

Is-Sindku qal li f'ittra li kien kiteb lil Ministru għat-Transport u Nfrastruttura kien staqsa kienx hemm xi pjanijiet minn naħa tal-Ministeru dwar il-proposta tal-Kunsill biex iċ-ċentru ċiviku jinbena mill-Gvern Ċentrali. Huwa kompla jgħid li ħa din l-opportunita biex jipproponi lil Transport Malta tagħmel xogħol ta' *resurfacing* ta' Triq il-Peprin**.**

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV 4870 sa numru BOV 4926 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għal-perjodu 21-12-2013 sa 09-01-2014 Skeda Nru CM23

Lista ta’ *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 22-13(19-12-2013)

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' Diċembru 2013 Ammont *Gross* €7190.37

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| Kuntrattur | Kuntratt | Kont | Ewro |
|---|---|---|---|
| Ronald Bezzina | RC(57/10/01) | No.7- Diesel Index. 2013 | 2601.83 |
| Ronald Bezzina | BR(57/12/03) | Servizz – Diċembru 2013 | 226.20 |
| Ronald Bezzina | BR(57/12/03) | Servizz – Novembru 2013 | 330.30 |
| Ronald Bezzina | RC(57/10/01) | Servizz – Diċembru 2013 | 2812.00 |
| Ronald Bezzina | RC)(57/10/01) | Servizz – Novembru 2013 | 2778.75 |
| ELC Ltd. | PKG 57 | Servizz – Novembru 2013 | 2061,50 |
| ELC Ltd. | PKG 57 | Servizz – Diċembru 2013 | 2061.50 |
| Saviour Mifsud | PCA(57/11/06) | Servizz – Ottubru 2013 | 625.41 |
| Saviour Mifsud | PCA(57/11/06) | Servizz – Novembru 2013 | 625.41 |
| Saviour Mifsud | PCA(57/11/06) | Servizz – Diċembru 2013 | 625.41 |
| Owen Borg | SS(57/12/01) | Servizz – Diċembru 2013 | 1024,25 |
| Owen Borg | SS(57/12/01) | Servizz – Novembru 2013 | 1025.20 |
| Ricky Caruana | RM/PF(57/12/02) | 15-01-2014 | 237.50 |

5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill kwotazzjonijiet għax-xiri ta’ *Shredder.* Hija rreferit għal kwotazzjoni ta’ *Shredder* għal prezz ta’ €325.98(VAT excl.) u qalet li dan huwa biżżejjed biex jaqdi l-bżonnijiet tal-Kunsill. Il-Kunsill ta l-approvazzjoni tiegħu għax-xiri ta’ dan l-i*shredder*.

## 6. LAQGĦA TAL-LOKALITA’

Il-Kunsill qabel li l-Laqgħa tal-Lokalita ssir nhar it-Tnejn, 3 ta’ Frar 2014 fis-7.00p.m fil-Librerija Pubblika. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tkun qed tħejji Rapport Amministrattiv u Pjan ta’ Ħidma biex jinqara waqt din il-laqgħa.

## 7 FIREWORKS FACTORY COMPLEXES POLICY

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar *draft policy* hawn fuq imsemmija maħruġa mill-Mepa. Huwa stieden lil membri tal-Kunsill biex min jixtieq jagħmel il-kummenti tiegħu għandu jibgħathom lil Kunsill biex jiġu mibgħuta lil Mepa sas-7 ta’ Frar 2014.

## 8. KWOTAZZJONI SLLC Q(57-13-02) – LED Information Board

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar il-kwotazzjonijet li ntefgħu għas-sejħa hawn fuq imsemmija. Huwa qal li dawn il-kwotazzjonijiet kienu kif ġej:

| | **Isem** | **Ammont** | **Rimarki** |
|---|---|---|---|
| 1 | **Forestals** | **€5,921.24** | |
| 2 | **TENOVAR LTD** | **€6964.36** | **Option 1** |
| 3 | **TENOVAR LTD** | **€7714.84** | **Option 2** |
| 4 | **Eagle Security Systems** | **€9,594.50** | |

Il-Kunsill qabel li dawn il-kwotazzjonijiet huma għola mill-*budget* li kellu l-Kunsill għax-xiri u nstallazjoni ta’ din l-LED *Information Board*.

## 9. KUNTRATT STREET LIGHTING

Kunsill innota proposta mill-Kunsill Lokali tal-Fgura li qed jipproponu li jitwaqqaf kumitat konġunt dwar il-kuntratt ta’ manutenzjoni ta’ dawl tat-toroq. Is-Sindku qal li r-Regjun Nofsinhar jaf jagħmel l-istess proposta għal membri tiegħu. Huwa qal li l-aħjar nistennew u naraw x’ser jintqal fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

## 10. KUNTRATT WR(57-13-02) Kostruzzjoni ta’ Reservoir

Is-Sindku rrefera għas-sejħa hawn fuq imsemmija u dwar il-kjarifika li qed jistenna l-Kunsill dwar il-problema tal-Bid Bond tal-Kuntrattur li tefgħa l-orħos offerta. Huwa qal li l-Kunsill għadu qed jistenna t-tweġiba tad-Dipartiment biex ikun jista’ jipproċedi dwar din l-offerta.

## 11. TMIEM/AĠĠORNAMENT

Il-Laqgħa ntemmet fis-6.30p.m.

Il-Kunsill jerġa’ jiltaqa' nhar it-Tnejn, 17 ta' Frar 2014 fl-4.30p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum ...................,...... ta' ...................... 2014**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**